# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 18**

**Citaz. numru 2327/96 FGC**

**Formosa & Camilleri Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Michael Attard Limited.**

**vs**

**Seamalta Company Limited, armaturi tal-vapur MV. Pliska, u The Cargo Handling Company Limited.**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni s-socjeta' attrici ppremettiet illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru ta' l-1995, l-assikurat taghha mporta f'Malta fuq il-vapur "MV Pliska", tletin (30) vettura tal-marka Peugeot ; illi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta u nhattet f'idejn is-socjeta' "The Cargo

Handling Company Limited”, l-assigurat ta’ l-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha nuqqasijiet u hsarat li jiswew hames mija u sitta u tletin liri Maltin u tletin centezmu (Lm536.30), li maghhom jizdied l-ammont ta’ sitta u hamsin liri Maltin (Lm56) bhala survey fee ; illi ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-istess assigurat ; illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghal dawn id-danni, u ghaldaqstant talab lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili :-

(a) Tghid li l-konvenuti ghandhom iwiegbu, jew tghid min minnhom ghandu jwiegeb, ghan-nuqqas u ghall-hsarat ;

(b) Tghid li d-danni tas-socjeta’ attrici huma ta’ Lm592.30 ; u

(c) Tikkundannahom, jew min minnhom jahti li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ Lm592.30 ghar-ragunijiet premessi.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA’ KONVENUTA APPELLANTI**

2. Is-socjeta’ konvenuta appellanti eccepiet illi :-

(a) Hija ghamlet dak kollu li trid minnha l-ligi ;

(b) Ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta’ agenziji li s-socjeta’ attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta’ assiguratrici estera ;

(c) Ghandu jigi esebit il-mod u jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm592.30 lis-socjeta' importatrici u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva ;

(d) Is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex twiegeb ghad-danni ghax skond ir-regolamenti 70 (3) u 90 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, ir-riskju ta' hsara lill-merkanzija mahzuna fil-berah igorru dejjem is-sid ; is-socjeta' konvenuta hija wkoll mehlusa mir-responsabbilita' skond ir-regolament 86 dwar oggetti li jkunu nhattu f'pakki difettuzi.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA SEA MALTA COMPANY LIMITED</u>**

3. Is-socjeta' l-ohra konvenuta eccepiet li :-

(i) Il-klawsola tal-ezoneru kontenuta fil-poloz tal-kariku relattivi u cioe' li "Unprotected Motor Cars – ship not responsible for damages and accessories" u "vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories";

(ii) Id-danni reklamati ma jirrizultawx fl-ammont mitlub mit-"tally sheets".

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

4. B'sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' appellanti, u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront biss ta' l-istess socjeta' appellanti bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess socjeta' esponenti.

**L-APPELL TAS-SOCJETA' THE CARGO HANDLING COMPANY LIMITED**

5. Illi s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq premessa u ghalhekk interponiet appell minnha lil din il-Qorti fuq l-aggravju segwenti :-

(a) Illi, fl-umli opinjoni tas-socjeta' esponenti, biex tirnexxi l-azzjoni attrici kif diretta kontra l-istess socjeta' esponenti, apparti l-prova tal-hlas b'surroga lill-assigurat dannegjat, trid qabel xejn tipprova illi :-

(i) Il-vetturi in kwistjoni kienu gew mghobbija abbord il-bastiment li ttrasportahom ezenti mid-difetti li gew riskontrati ;

(ii) L-istess vetturi gew skarikati minn abbord ezenti wkoll mill-istess nuqqasijiet u difetti mhollija hekk f'idejn is-socjeta' esponenti ;

(iii) Id-difetti u nuqqasijiet gew riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati mill-konvenuti ;

(iv) Id-difetti u n-nuqqasijiet ikunu rizultat ta' nuqqas ta' diligenza tal-konvenuti.

**i. <u>Kundizzjoni li fiha gew mghobbija l-vetturi abbord il-vapur</u>**

Illi fil-kaz in kwistjoni, l-unika prova li ngiebet rigward l-ewwel punt fuq imsemmi huwa l-Bill of Lading relattiv ghall-mekanzija li tghabbiet abbord il-vapur "MV Pliska". Ghandu jinghad pero' illi ma gietxipprezentata t-Tally Sheet li ssir waqt illi l-istess vetturi kienu qed jigu karikati abbord il-vapur. U huwa permezz ta' din it-Tally Sheet li wiehed jista' verament jiccara jekk l-istess vetturi gewx karikati abbord il-vapur minghajr ebda difett u nuqqas peress illi din it-Tally Sheet issir waqt illi l-istess vetturi jkunu qed jigi karikati fuq il-vapur.

Dan izjed u izjed meta wiehed iqis illi fuq il-Bill of Lading esebit fl-atti ta' din il-kawza, m'hemm l-ebda referenza ghall-accessorji li bieghom, allegatament gew karikati fuq il-bastiment il-vetturi mertu tal-vertenza odjerna. U dan il-punt huwa fundamentali specjalment f'din il-kawza fejn il-maggor parti tad-danni dedotti fic-citazzjoni attrici jirrigwardaw accessorji u difetti minimi. Fl-ebda stadju tal-provi ma tressqet il-prova li l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna gew karikati fuq il-vapur b'dawn l-accessorji u minghajr difetti – l-unika rimarka li hemm f'dan id-

dokument tghid illi l-vetturi li tghabbew kienu *"new vehicles in good starting condition".*

Hija ghaldaqstant l-umli opinjoni tas-socjeta' konvenuta appellanti illi minhabba r-ragunijiet fuq premessi, s-socjeta' attrici naqset li tressaq bizzejjed provi biex tipprova l-punt illi l-vetturi gew karikati abbord il-vapur ezenti minn difetti u nuqqasijiet.

**<u>ii. Kundizzjoni li fiha gew skarikati l-vetturi minn abbord il-vapur</u>**

Illi l-unika dokument li ghandu l-attur biex jipprova t-tieni punt fuq imsemmi, u cioe' illi l-istess vetturi gew skarikati minn abbord ezenti wkoll mill-istess nuqqasijiet u difetti u mhollija hekk f'idejn is-socjeta' esponenti, huma t-Tally Sheets.

Illi kif diga' nghad izjed il-fuq, fuq dawn it-tally sheets, m'hemm l-ebda rimarka rigward il-kundizzjoni li fiha gew skarikati l-vetturi mertu tal-vertenza odjerna, u ghaldaqstant, il-prezunzjoni hi li l-istess vetturi gew skarikati minn fuq il-vapur ezenti minn kull difett jew nuqqas.

Pero', ghandu jinghad illi din it-Tally Sheet m'hijiex prova konklussiva ta' l-istat li fih giet skarikata l-merkanzija minn abbord il-vapur in kwistjoni. Dan ghaliex huwa fatt maghruf min kulhadd illi t-Tally Sheet tigi kumpilata b'ghagla kbira u taht pressjoni kontinwa biex l-istess "tallying" ma jdumx biex isir halli l-merkanzija tkun tista' tigi skarikata

malajr kemm jista' jkun. Izjed minn hekk, huwa daqs tant iehor maghruf illi l-ispezzjoni li ssir hija wahda superficjali ghall-ahhar. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, wiehed ftit jista' jorbot fuq l-istess tally sheet bhala prova konklussiva ta' l-istat li kienet il-merkanzija meta l-istess merkanzija giet mhollija f'idejn is-socjeta' esponenti peress illi minhaba l-kundizzjoni li fiha ssir l-istess Tally Sheet huwa ferm probabbli li certu difetti u nuqqasijiet ma jigux riskontrati.

Ssir ukoll referenza ghal dak li qal is-Shipping Manager tas-socjeta' importatrici John Falzon, li qal illi ghar-rigward tal-heater plugs, huwa kien innota li dawn huma nieqsin hekk kif ra l-vetturi niezlin minn fuq il-bastiment, u mhux waqt li dawn kienu qeghdin jigu kkonsenjati lis-socjeta' importatrici. Ghaldaqstant, huwa ovvju li ghal dawn il-hsarat m'ghandhiex twiegeb is-socjeta' esponenti.

(c) Interessi u spejjez.

Rigward l-ispejjes tas-socjeta' konvenuta l-ohra, hija l-umli opinjoni tas-socjeta' esponenti illi dawn m'ghandhomx ikunu imposti fuq is-socjeta' esponenti stante li kienet is-socjeta' attrici li ghazlet li tipprocedi kontra l-istess socjeta' konvenuta, dan m'ghandhiex tbatieh is-socjeta' esponenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta' appellanti talbet lil dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-senenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-tmienja u ghoxrin

(28) ta' Mejju 1999 fl-ismijiet premessi, b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent, tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA' SEA MALTA COMPANY LIMITED</u>**

6. Is-socjeta' konvenuta l-ohra wiegbet hekk :-

Illi s-socjeta' ko-konvenuta appellata giet notifikata b'rikors ta' l-appellipprezentat mis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta' appellanti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Mejju 1999 fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponenti, tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi ;

Illi s-socjeta' esponenti bir-rispett tissottometti illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 1999 ghaddiet in gudikat fir-rigward ta' l-esponent u dan stante li t-talbiet fl-appell bl-ebda mod ma jaffettwaw il-liberazzjoni ta' l-esponent mir-responsibility ghad-danni.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELL TA' FORMOSA & CAMILLERI LTD**

7. Is-socjet'a attrici appellata wiegbet hekk :-

(i) Illi din is-sentenza hi gusta u timmerita konferma.

(ii) Is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited appellat minn din is-sentenza. L-aggravji kienu diversi u l-esponent ser jittrattahom wahda wahda.

i. Kundizzjoni li fiha gew mghobbija l-vetturi abbord il-vapur

Il-konvenut appellant ilmenta essenzjalment dwar il-prova prodotta mis-socjeta' attrici li saret permezz tal-polza ta' kariku relattiva. Bir-rispett kollu, dak li ntqal mill-appellant mhuwiex korrett ghal dak li huma danni reklamati li huma "*accessorjo u difetti minimi".* It-talba hija ghar-rigward ta' nuqqasijiet ta' cigarette lighters (tnejn), wipers (tnejn), spare wheel (wiehed), switches u side bulbs (wiehed) u danni fil-"body" ta' zewg vetturi. Apparti l-kwistjoni ta' danni fil-"body" tal-vetturi, si tratta ta' oggetti li jinstabu fuq kull vettura importata illum il-gurnata. L-esponent jifhem li "spare wheel" tinstab fuq kull vettura u l-istess ghall-"wipers", "switches" u "side bulbs". L-ahjar prova saret u dan permezz tal-polza

ta' kariku li fuqha ma hemm ebda rimarka. Dan ifisser li l-vetturi telghu abbord sewwa u bla difetti jew nuqqasijiet. Kull kaptan ta' vapur huwa obbligat li jnizzel fuq il-polza ta' kariku difetti jew nuqqasijiet. Dan ma sarx u ghalhekk il-konkluzzjoni dokumentarja tista' tkun biss wahda – li ma kien hemm ebda danni/nuqqasijiet fil-konsenja ta' vetturi de quo meta telghet abbord.

ii. Kundizzjoni li fiha gew skarikati l-vetturi minn abbord il-vapur

Fir-rikors tal-appell jinghad :-

*"…… ghandu jinghad li din it-Tally Sheet m'hijiex prova konklussiva ta' l-istat li fih giet skarikata l-merkanzija minn abbord il-vapur in kwistjoni. Dan ghaliex huwa fatt maghruf minn kulhadd illi t-Tally Sheet tigi kumpilata b'ghagla kbira u taht pressjoni biex l-istess tallying ma jdumx biex isir halli l-merkanzija tista' tigi skarikata malajr kemm jista' jkun ….. huwa daqs tant iehor maghruf illi l-ispezzjoni li ssir hija wahda superficjali ghall-ahhar."*

L-ewwelnett l-appellanti qed jitkellem dwar fatti li dwarhom ma hemm ebda prova u lanqas ma huma xi fatti notorji. Per di piu' ta' min isemmi li "tallying" isir minn **rapprezentant tal-appellant stess**. Jekk huma xi lment dwar kif qed isir it-tallying dan ghandu jsir fil-gurnata tat-tallying u mar-rapprezentant tal-appellant stess. Wara kollox dan it-tally isir

"jointly" ma' rapprezentant tal-vapur (f'dan il-kaz il-konvenut l-iehor Seamalta Ltd).

Huwa ghalhekk inkorrett li jinghad li wiehed ma jistax jorbot fuq it-"tally sheets" in kwistjoni. It-tally sheets huma l-ahjar prova prodotta u jsiru proprju sabiex kulhadd ikun jaf l-istat tal-merkanzija minn meta tghaddi minn id il-"carrier" ghal id l-appellant. Hija prova cara u inekwivoka. Li ssir bl-ghagla hija biss skuza sabiex l-appellant jipprova jiskolpa ruhu.

ii. Interessi u spejjes

Bir-rispett kollu, kif tista' s-socjeta' attrici tigi kundannata thallas spejjes tas-socjeta' konvenuta l-ohra meta jirrizulta nuqqas lampanti da parti tas-socjeta' konvenuta appellanti. Naturalment is-socjeta' attrici kellha kull dritt li ddahhal fil-kawza l-konvenuta socjeta' Sea Malta Co. Ltd. u dana semplicement billi s-socjeta' attrici ma kellhiex f'idejha t-tally sheets in kwistjoni li kienu jiskapulaw lis-socjeta' Sea Malta Co. Ltd.

U x'sar mill-principju semplici "min jitlef ihallas"?

Ghaldaqstant talbet li din il-Qorti tal-Appell joghgobha tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi deciza fit-28 ta' Mejju 1999 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellanti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

8. Illi minn ezami tal-aggravji tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited, is-socjeta' appellanti f'dana l-appell, ghandu jirrizulta li l-appell huwa principalment impernjat fuq evalwazzjoni ta' fatti – almenu ghal dak li jikkoncerna minn kien responsabbli ghan-nuqqasijiet ("parts" ta' vetturi), u dan apparti minn dawk il-hsarat/nuqqasijiet debitament riportati fil-'gate pass out' u qabel fit-"tally sheets". Skond is-socjeta' appellanti, l-ewwel Qorti, s-socjeta' attrici naqset milli "tressaq bizzejjed provi biex tipprova l-punt illi l-vetturi gew skarikati abbord il-vapur ezenti minn difetti u nuqqasijiet."

9. Illi l-ewwel argument avanzat mill-appellant hu li m'hemmx il-prova rikjesta li l-oggetti de quo tghabbew abbord il-vapur. Dan billi ma gietx ipprezentata t-"tally sheet" li ssir waqt li l-istess vetturi kienu qed jigu karikati abbord il-vapur.

Illi ghalkemm huwa minnu li tali "tally sheet" ma gietx prodotta, pero' jibqa' l-fatt li mill-polza ta' kariku ma tirrizulta li saret ebda rimarka. Dan meta jfisser li hemm presunzjoni li l-vetturi tghabbew abbord il-bastiment "MV. Pliska" fi stat tajjeb u bla nuqqasijiet. F'kull kaz, pero' meta t-tragitt tal-merkanzija ghadda ghall-istadju tal-izbark, jirrizulta li sar "joint-tallying" u dan igibna ghat-tieni argument tal-appellant rigwardanti l-kundizzjoni li gew skarikati l-vetturi minn abbord.

10. Minn dan il-"joint-tallying" – li ghalih kien hemm prezenti ufficjal tas-socjeta' appellanti biex jissorvelja il-hatt u jiccertifika dak li jkun gie riskontrat – ma hemm l-ebda rimarka fis-sens li mit-tletin vettura skarikata fil-Port, kien hemm ghaxra (10) minnhom bil-"heater plug" nieqes. Il-Qorti tifhem li kif l-ufficjali li spezzjonaw il-vetturi nnutaw debitament li kien hemm "stepney" mhux ikkollokat fil-post solitu tieghu u nizzlu xi rimarki zghar ohrajn dwar hsarat minimi fil-vetturi, certament kienu, jew messhom innutaw ukoll in-nuqqas ta' dawn l-ghaxar "heater plugs".

Huwa minnu li t-"tally sheets" ma jammontawx ghal xi prova irribattibbli imma dawn jikkostitwixxu biss prova probatorja "juris tantum", imma jibqa' l-fatt li l-forza probatorja hemm qeghda u mhux lecitu li wiehed jinvita lill-Qorti, f'nuqqas ta' prova appozita, biex tiskarta tali prova fuq il-pretest li l-"joint tallying" isir bl-ghagla u mhux kwindi b'mod attendibbli jew affidabbli. Jekk din hija l-posizzjoni reali, jfisser li allura s-socjeta' appellanti la kellha u lanqas ghandha ghalfejn tibghat ufficjali taghha ghat-"tallying" ghax ikun ezercizzju futili. Ghal kuntrarju, dana l-ezercizzju ta' verifika u kontroll mill-partijiet ikkoncernati mill-konsenja tal-merkanzija huwa proprju mahsub u ghandu jservi biex f'kull stadju jigi kkontrollat bl-ahjar mod possibbli x'ikun gie mahtut u l-kundizzjoni ta' kull oggett. Meta s-socjeta' appellanti ghalhekk iccertifikat waqt l-operazzjoni tal-"joint tallying" li ma kien hemm xejn aktar x'tirrimarka

dwar il-merkanzija minn dak li tnizzel, ma tistax issa hi stess tikkampa fuq argument fortuwitu li t-"tallying" isir bil-ghagla!

11. Illi inoltre mill-provi jirrizulta wkoll li, waqt l-istadju tar-rilaxx ta' dawn il-vetturi mill-pussess tas-socjeta' appellanti lid-destinarju, gew riskontrati nuqqas ta' ghaxar "heater plugs" ghax flokhom kien hemm biss imdahhla speci ta' skorfina. Dawn in-nuqqasijiet gew ikkostatati fil-presenza ta' Francis sive Frans Schembri, ir-rapprezentant tas-socjeta' appellanti, pero' dan xorta wahda ma accettax li jnizzel xi rimarka dwarhom ghax deherlu li hu ma kellhux il-prova li fil-fatt dawn il-"plugs" kienu hemm mill-bidunett u ghaliex ukoll huwa ma kienx bniedem tekniku. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-ufficjal kien ikun aktar korrett li kieku ghazel li jnizzel li bhala fatt kien hemm tassew numru ta' "heater plugs" neqsin, u se mai inizzel anke li s-socjeta' appellanti ma kienitx qeghda terfa' r-responabbilita' dwarhom. Jirrizulta finalment, mix-xhieda ta' Edmond Darmanin, in rapprezentanza ta' l-Executive Director tal-Portijiet, prodotti b'xhud mis-socjeta' appellanti stess (ara fol 59 – 60 tal-process), li l-vetturi de quo kienu tqeghdu f'"car compound" li c-cwievet tieghu "huma f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited" u "li biex wiehed jidhol f'dana l-compound irid bilfors jew jghaddi minn dina l-gate li kif ghedt ic-cavetta jew cwievet taghha huma f'idejn The Cargo Handling Company Limited jew inkella jaqbez ir-recint tal-gebel u tal-hadid li hemm".

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha li dak li gie kkostatat u deciz mill-ewwel Qorti dwar dawn in-nuqqasijiet kien gust u korrett.

12. Fl-ahharnett, is-socjeta' appellanti tillanja li hija ma kellhiex tbati l-ispejjez relativi ghall-fatt li bhala konvenut giet imharrka wkoll is-socjeta' konvenuta l-ohra, jigifieri s-Sea Malta Company Limited bhala armaturi tal-vapur "MV. Pliska". Din il-Qorti, wara li qieset dana l-aggravju, ma jidhrilhiex li l-argument tal-appellant huwa wiehed fondat u dana billi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kien difficli biex wiehed jasal mill-ewwel biex jeskludi xi htija o meno tas-socjeta' trasportatrici u ghalhekk it-tahrika fil-konfront taghha wkoll kien wiehed gustifikat u mhux kapriccjuz. Kwindi jsegwi li l-ispejjez gudizzjarji relativi ghandha tbatihom ukoll is-socjeta' appellanti.

Ghal dawn il-motivi ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mg